MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 100/2003

**Tiburon Limited**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u tmien liri Maltin u erba’ centezmi (Lm808.04), bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti merkanzija li giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u li s’issa ma thallsux, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kollox kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fl-4 ta’ Ottubru 2003, izda minkejja d-dekorrenza tat-terminu preskritt la pprezenta risposta u

lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorrenza tat-terminu moghti ghar-risposta.

Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' Dr. Angele Portelli ghas-socjeta attrici li kkonfermat li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut ma deherx fis-seduta tal-14 ta' April 2004 f'liema seduta l-kapitoli gewipprezentati mis-socjeta' attrici, approvati mit-Tribunal u ssigillati mid-Deputat Registratur; u lanqas deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gab ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma wkoll permezz tad-deposizzjoni guramentata ta' Dottoressa Angele Portelli ghas-socjeta' attrici;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM808.04 prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata mis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------